# Premju
# Soċjetà Ġusta
# 2022

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI,
IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET
TAL-KONSUMATUR

inklużjoni

# Formola ta' Nominazzjoni
Premju Soċjetà Ġusta 2022

## Parti A Informazzjoni u Kundizzjonijiet

Il-Bord ta' Evalwazzjoni għall-Premju Soċjetà Ġusta 2022 se jkun qed jilqa' n-nominazzjonijiet għal dan il-Premju skont ir-regolamenti msemmija hawn taħt.

Il-formola trid tittieħed jew tintbagħat l-Uffiċini tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, 89, Palazzo Francesco, Triq Sir Ugo Mifsud, Lija. Il-formola tista' tinkiseb mill-istess uffiċini kif ukoll mis-sit www.inkluzjoni.gov.mt.

L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru 2022 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data tal-għeluq ma jiġux kunsidrati.

**1. Kunċett tal-Premju**
Il-Premju Soċjetà Ġusta huwa ċelebrazzjoni tal-ħidma, l-impenn u d-dedikazzjoni ta' diversi individwi fis-settur tad-diżabilità. Dan huwa avveniment annwali li jagħmel parti mill-attivitajiet organizzati waqt il-ġimgħa ddedikata għad-Diżabilità.

**2. Għan**
L-għan li jingħata dan il-premju huwa biex jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' individwi u organizzazzjonijiet li jappoġġjaw kultura t'iżjed Drittijiet għall-Persuni b'Diżabilità. Id-dmir tal-Gvern huwa li jesprimi l-apprezzament tiegħu lil kull min qiegħed jaħdem għal soċjetà iżjed inklussiva, fejn persuni b'diżabilità u dawk qrib tagħhom, bħall-familjari u assistenti tagħhom, ikunu jistgħu jesperjenzaw atteġġjamenti iżjed miftuħa, aċċessibilità, u kundizzjonijiet li jinkoraġġixxu l-għixien indipendenti u fil-komunità. Il-prinċipju li se jiggwida l-għażliet għal dan il-premju huwa li jkollna soċjetà aktar ġusta fejn il-persuni b'diżabilità jieħdu sehem attiv fil-komunità.

## 3. Deskrizzjoni tal-Premjijiet

**A – Premju għal Kisba tul il-Ħajja fis-Settur tad-Diżabilità**
Dan il-premju jirrikonoxxi individwu li bi sforz eċċezzjonali u kisba matul perjodu sinifikanti, ħalla marka pożittiva fuq is-settur.

**B – Premju għal Ħidma fit-Tisħiħ tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità**
Dan il-Premju jirrikonoxxi individwu jew Organizazzjoni mhux Governattiva li għamlet kontribuzzjoni fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

**Ċ – Premju Soċjetà Ġusta**
Dan il-Premju jirrikonoxxi individwu b'diżabilità li juri kwalitajiet li permezz tagħhom għamel jew għamlet differenza kbira u pożittiva f'dan is-settur.

**D –Premju Parteċipazzjoni Attiva fl-Arti u l-Kultura**
Dan il-Premju jirrikonoxxi lil individwu jew Organizzazzjoni mhux Governattiva li tagħti prijorità lill-abilità u mhux id-diżabilità tal-persuna li għandha abilità diretta fil-qasam tal-arti jew tal-kultura, jew lil min jgħallem l-arti jew kultura lill-persuni b'diżabilità. Se tingħata konsiderazzjoni lejn id-dedikazzjoni u l-perseveranza f'dan is-settur.

**E – Premju Parteċipazzjoni Attiva fl-Isport**
Dan il-premju jirrikonoxxi lil dawk il-persuni b'diżabilità li minkejja ċ-ċirkostanzi jippratikaw jew jikkompetu fil-qasam sportiv.
Dan il-Premju ser jagħti ġieħ lill-persuna b'diżabilità li għandha abilità diretta fil-qasam sportiv, jew lil min jgħallem l-isport.

**F – Premju għall-Iktar Post tax-Xogħol li jopera b'mod Inklussiv**
Dan il-Premju jirrikonnoxxi lil dawk li jħaddmu li joffru opportunitajiet għal persuni b'diżabilità fil-qasam tax-xogħol. Dawn l-organizazzjonijiet għandhom jimplimentaw prattiċi li jmorru lil hinn dak li hu mitlub minnhom bil-liġi.

**G – Premju lill-Għaqda Volontarja għal Ħidma għat-Tisħiħ tal-Inklużjoni**
Dan il-Premju jirrikonnoxxi lil dawk l-għaqdiet volontarji li permezz tal-ħidma tagħhom xprunaw soċjetà aktar inklussiva.

## Kriterji ta' Evalwazzjoni

- Relevanza tan-nominazzjoni għall-kategorija tal-premju;
- Eżempju ċar ta' impatt pożittiv li tħalla fuq il-persuni b'diżabilità u fuq is-settur;
- L-individwi u organizzazzjonijiet nominati jridu juru impenn lejn il-liġijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità sabiex jinkoraġġixxu parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja ekonomika, ċivika u soċjali ta' pajjiżna;

## Kriterji ta' Eliġibbiltà

- F'kull kategorija tal-Premju, l-ebda individwu jew organizzazzjoni ma tista' tkun nominata u ssekondata minnha nnifsha;
- Kull nominazzjoni trid tkun preżentata fil-ħin. Nominazzjonijiet li jaslu tard mhux ser ikunu kkunsidrati;
- Impjegati mħallsin ma jistgħux jinnominaw l-organizzazzjoni tagħhom u l-membri tal-familja;
- Ma tistax tiġi nominata persuna minn membru tal-familja tiegħu/tagħha;
- Id-deċiżjoni finali ta' min jirċievi l-premjijiet hija prerogattiva tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Bord jista' jitlob sabiex jiltaqa' mal-persuni nominati;
- Kull dettall personali ppreżentat lill-Bord ser ikun trattat b'kunfidenzjalità;
- Nominazzjonijiet għal iżjed minn kategorija waħda jridu jimtlew fuq formoli separati;
- In-nominazzjonijiet għall-Premju għandhom isiru fuq din il-formola u għandhom jiġu kkonfermati minn mhux inqas minn żewg persuni li ma jkunux jiġu mill-persuna nominata jew li ma jkunux membri jew impjegati tal-organizzazzjoni nominata, skont il-każ.

## Parti B Kategorija

- [ ] Premju għall-Kisba tul il-Ħajja fis-Settur tad-Diżabilità
- [ ] Premju għall-Ħidma fit-Tisħiħ tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità
- [ ] Premju Soċjetà Ġusta
- [ ] Premju Parteċipazzjoni Attiva fl-Arti u l-Kultura
- [ ] Premju Parteċipazzjoni Attiva fl-Isport
- [ ] Premju għall-Iktar Post tax-Xogħol Inklussiv
- [ ] Premju lill-Għaqda Volontarja għal Ħidma għat-Tisħiħ tal-Inklużjoni

## **Parti C** Dettalji dwar l-Individwu / Organizzazzjoni Nominata

Isem tal-Persuna / Organizzazzjoni Nominata

Numru tal-Karta tal-Identità tal-Persuna Nominata

Indirizz

Data tat-Twelid tal-Persuna Nominata / Data tat-twaqqif tal-Organizzazzjoni

Numru ta' Kuntatt

## Parti D Dettalji dwar min qiegħed jinnomina
(żewġ persuni li ma jiġux mill-persuna)

Isem u Kunjom tal-Ewwel Persuna li qed tinnomina

Numru tal-Karta tal-Identità

Indirizz

Numru ta' Kuntatt

Firma

Isem u Kunjom tat-Tieni Persuna li qed tinnomina

Numru tal-Karta tal-Identità

Indirizz

Numru ta' Kuntatt

Firma

## Parti E Dikjarazzjoni mill-Persuna / Organizzazzjoni Nominata

Jiena, ______________________________ f'ismi / f'isem l-organizzazzjoni naċċetta n-nomina għall-Premju Soċjetà Ġusta.

Firma: ______________________________

## Parti F Dettalji dwar il-Ħidma u Kwalitajiet tal-Persuna / Organizzazzjoni Nominata

(Massimu 250 kelma)